



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10128/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0199(NLE)

TRANS 373
RELEX 782

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 307 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 307 final.

Mehmuż: COM(2022) 307 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.6.2022
COM(2022) 307 final

2022/0199 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Minħabba l-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, it-trasport tal-merkanzija mill-Ukrajna sar diffiċli ħafna. Għadd ta' rotot importanti tat-trasport tal-merkanzija mill-Baħar l-Iswed ġew imblukkati jew inqerdu mill-forzi militari Russi, u l-ispazju tal-ajru Ukren hu magħluq għat-trasport ċivili. Bħalissa, il-prijorità tan-network ferrovjarju hi t-trasport tal-passiġġieri u tar-refuġjati, u għadu vulnerabbli ħafna għall-bumbardamenti Russi.

It-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna bħalissa hu regolat b'żewġ settijiet ta' mekkaniżmi ewlenin, jiġifieri l-ftehimiet bilaterali dwar it-trasport bejn l-Istati Membri u l-Ukrajna, u l-permessi mogħtija fil-qafas tas-sistema multilaterali tal-kwoti tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (ECMT) fil-Forum Internazzjonali tat-Trasport. Dawn iż-żewġ mekkaniżmi jimponu kwoti fuq it-trasportaturi miż-żewġ naħat, fejn jidħlu t-tranżitu u l-kummerċ bilaterali.

It-trasport bit-triq jitqies waħda mill-alternattivi ewlenin biex l-Ukrajna tkun tista' tesporta l-prodotti tagħha, inkluż il-qmuħ. Dan jappoġġa lill-ekonomija Ukrena iżda hu kruċjali wkoll għal ekonomiji oħra għax l-esportazzjoni tal-prodotti Ukreni bħall-qmuħ, il-fjuwil, l-oġġetti tal-ikel u prodotti oħra qed issir dejjem aktar meħtieġa minħabba t-tħassib dejjem akbar dwar is-sigurtà tal-ikel fid-dinja. Fl-istess waqt, iż-żieda fl-użu tal-għadd ta' operazzjonijiet tat-trasport bit-triq meta mqabbel maż-żminijiet normali aktarx li tisboq il-kwoti stabbiliti fil-ftehimiet bilaterali tal-Istati Membri u tal-Ukrajna u mogħtija permezz tal-ECMT fil-Forum Internazzjonali tat-Trasport.

Għaldaqstant, dan il-Ftehim dwar it-trasport bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna jissostitwixxi l-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar it-trasport bejn l-Istati Membri u l-Ukrajna u jiffaċilita l-użu ta' trasport alternattiv bit-triq għall-operaturi, peress li jlliberalizza l-operazzjonijiet bilaterali u t-tranżitu bejn iż-żewġ Partijiet.

Barra minn hekk, wara l-bidu tal-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, ħafna sewwieqa Ukreni ma għadhomx jistgħu jimxu mal-proċeduri amministrattivi relatati mad-dokumenti tas-sewwieqa bħall-applikazzjonijiet għall-permessi internazzjonali tas-sewqan jew il-ħruġ ta' dokumenti ġodda f'każ ta' dokumenti mitlufa jew misruqa. Dan il-Ftehim se jippermetti liż-żewġ Partijiet jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Għalhekk hu importanti li jiġu previsti miżuri li jeżentaw lis-sewwieqa mir-rekwiżit li jippreżentaw permess internazzjonali tas-sewqan, jirrikonoxxu d-deċiżjonijiet tal-Ukrajna li jestendu l-validità amministrattiva tad-dokumenti tas-sewwieqa, u jiffaċilitaw l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Partijiet biex jiġu miġġielda l-frodi u l-falsifikazzjoni tad-dokumenti tas-sewwieqa.

Għalhekk, jixraq jiġi ffirmat Ftehim li jlliberalizza t-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna fejn jidħlu l-operazzjonijiet bilaterali u t-tranżitu, u li jkun fih klawżoli speċifiċi relatati mal-liċenzji tas-sewqan. Dan il-Ftehim jenħtieġ li jkun limitat fiż-żmien iżda bil-possibbiltà ta' tiġdid.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Ftehim kien previst ukoll fil-pjan ta' azzjoni tal-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna¹ li għandu l-għan jiffaċilita l-esportazzjoni agrikola u l-kummerċ bilaterali tal-Ukrajna mal-UE. Dan il-pjan ta' azzjoni jesprimi l-impenn tal-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-ekonomija u l-irkupru ekonomiku tal-Ukrajna u li tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni tas-swieq dinjin tal-ikel u għat-titjib tas-sigurtà dinjija tal-ikel.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Dan il-Ftehim hu konsistenti mal-politika attwali tal-UE dwar ir-relazzjonijiet esterni mal-Ukrajna. Il-Gvern tal-Ukrajna talab Ftehim bħal dan bħala miżura urġenti.

Il-Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq mal-Ukrajna hu konformi wkoll mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna², billi fl-Artikolu 136 dan jipprevedi ftehimiet futuri speċjali possibbli dwar it-toroq bil-għan li jiżgura l-iżvilupp ikkoordinat u l-liberalizzazzjoni progressiva tat-trasport bejn il-Partijiet.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Il-Ftehim hu l-aktar strument effiċjenti biex jissaħħu r-relazzjonijiet tat-trasport bit-triq bejn l-UE u l-Ukrajna, peress li dan ineħħi l-limitazzjonijiet eżistenti imposti mis-sistemi tal-kwoti u tal-permessi.

Dan il-Ftehim ma jimponi l-ebda piż amministrattiv jew finanzjarju addizzjonali, la fuq l-awtoritajiet tal-Istati Membri u lanqas fuq l-industrija meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali. Għall-kuntrarju, dan se jnaqqas il-piż amministrattiv lill-industrija u lill-Istati Membri. B'mod partikolari, dan se jneħħi l-ħtieġa għal permessi tat-trasport lit-trasportaturi tal-UE għall-kategoriji indikati tad-drittijiet tat-trasport (drittijiet ta' tranżitu u bilaterali), u b'hekk se jnaqqas il-piż lill-industrija tat-trasport tal-UE u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fejn jidħlu l-formalitajiet amministrattivi marbuta mal-ħruġ u l-istampar ta' dawn il-permessi.

- **Għażla tal-istrument**

Ftehim internazzjonali.

¹ COM(2022) 217 final

² Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna min-naħa l-oħra (ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3).

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Fl-Artikoli 6 u 7, dan il-Ftehim jinkludi mekkaniżmu ta' rieżami, previst bil-ħsieb li jivvaluta l-ħtieġa u t-tul ta' żmien tat-tiġdid tiegħu. Għal dan il-għan, l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 7(2) jistabbilixxu li l-Kumitat Konġunt għandu jitlaqqa' fi żmien tliet xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

L-Artikolu 2 jeżiġi li s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna/i indikata/i mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 3 jipprevedi l-applikazzjoni proviżorja f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Ftehim.

L-Artikolu 4 jipprevedi d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni proposta.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill jawtorizza l-bidu ta' negozjati mal-Ukrajna dwar Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna (minn hawn 'il quddiem, il-“Ftehim”).
- (2) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fl-14 ta' Ġunju 2022.
- (3) Fid-dawl tat-tfixkil importanti fis-settur tat-trasport fl-Ukrajna kkawżat mill-gwerra tal-aggressjoni Russa, jeħtieġ jinstabu rotot alternattivi bit-triq għall-Ukrajna biex tesporta l-ħażniet tagħha tal-qmuħ, tal-fjuwil, tal-oġġetti tal-ikel u ta' prodotti rilevanti oħra.
- (4) Peress li l-permessi mogħtija fil-qafas tas-sistema multilaterali tal-kwoti tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (ECMT) fil-Forum Internazzjonali tat-Trasport u l-ftehimiet bilaterali eżistenti mal-Ukrajna ma jippermettux il-flessibbiltà meħtieġa għall-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq Ukreni biex iżidu u jipplanaw bil-quddiem l-operazzjonijiet tagħhom mill-Unjoni Ewropea u mal-Unjoni Ewropea, hu kruċjali li t-trasport tal-merkanzija bit-triq jiġi liberalizzat għall-operazzjonijiet bilaterali u għat-tranżitu.
- (5) Minħabba l-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, ħafna sewwieqa Ukreni ma għadhomx jistgħu jimxu mal-proċeduri amministrattivi relatati mad-dokumenti tas-sewwieqa bħall-applikazzjonijiet għall-permessi internazzjonali tas-sewqan jew il-ħruġ ta' dokumenti ġodda f'każ ta' dokumenti mitlufa jew misruqa. Għalhekk hu importanti li jiġu indirizzati dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali billi jiġu previsti miżuri speċifiċi li jeżentaw lis-sewwieqa mir-rekwiżit li jippreżentaw permess internazzjonali tas-sewqan, jirrikonoxxu d-deċiżjonijiet tal-Ukrajna li jestendu l-validità amministrattiva tad-dokumenti tas-sewwieqa, u jiffaċilitaw l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Partijiet biex jiġu miġġielda l-frodi u l-falsifikazzjoni tad-dokumenti tas-sewwieqa.
- (6) Għalhekk, dan il-Ftehim b'limitu ta' żmien u bil-possibbiltà ta' tiġdid jenħtieġ li jiġi ffirmat b'mod urġenti f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (7) Biex jibdeu jintużaw l-effetti ta' benefiċċju ta' dan il-Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija u titħalla l-esportazzjoni tal-prodotti Ukreni b'mod partikolari tal-qmuħ,

mill-aktar fis possibbli, il-Ftehim jenħtieġ li jiġi applikat b'mod proviżorju f'konformità mal-Artikolu 13 tiegħu.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna, hu b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż mal-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna/i indikata/i mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju f'konformità mal-Artikolu 41(13) tal-Ftehim, mid-data tal-firma tiegħu, sakemm jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*